MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 833/1997/2

**John Calleja**

**vs**

**Carmelo sive Charles u Carmen mizzewgin Degiorgio u b'digriet tat-23 ta' Mejju tas-sena 2002 Joseph Buhagiar kjamat in kawza u b'digriet tat-13 ta' Gunju ts-sena 2002 Charlie sive Carmelo Cauchi kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Frar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta’ April ta’ l-1997 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu lill-attur is-somma ta’ hames mija u erbgha u sittin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu, (Lm564.35,0), kwantu ghal tlett mitt Liri Maltin (Lm300) somma ta’ flus lilhom imhallsa indebitament bhala korrispettiv mitlub minnhom ghall-bejgh tal-vettura Van Morris bin-numru ta’ registrazzjoni R-7385, liema vettura rrizulta sussegwentement illi kienet misruqa u li ghalhekk huma ma setghux jitrasferixxu lill-attur u kwantu ghar-rimanenti mitejn u erbgha u sittin Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm264.35,0), danni sofferti mill-attur f’riparazzjonjiet, `spray’, `insurance’ u spejjez ohra illi hareg l-istess attur ghal din il-vettura gia msemmija;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Frar ta’ l-1997 kif ukoll tal-Mandat ta’ qbid illi qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata t-8 ta’ Mejju ta’ l-1997 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi ma jirrizultax illi l-vettura hija misruqa;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument, il-vettura kienet misruqa, il-konvenuti kienu in buona fede, in kwantu l-konvenut xtara l-vettura minn terza persuna minghajr ma kellu raguni biex jissuspetta li l-vettura kienet xi darba misruqa, jekk hu hekk.

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat is-27 ta’ Marzu tas-sena 2000;

Rat ir-risposta ta’ l-attur datata t-13 ta’ Gunju tas-sena 2000;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti kif preseduta datat l-14 ta’ Gunju tas-sena 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) datata d-9 ta’ Jannar tas-sena 2001 li ghall-motivi hemm indikati rrinvjat l-atti lill-din il-qorti biex tidderigi ruhha fit-termini ta’ l-istess sentenza;

Rat id-digriet taghha datat it-23 ta’ Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta’ Joseph Buhagiar;

Rat ukoll id-digriet taghha datat it-13 ta’ Gunju tas-sena 2002 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta’ Charlie sive Carmelo Cauchi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Joseph Buhagiar datata t-8 t’Ottubru tas-sena 2002 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni kontra l-eccipjent hija preskritta “ai termini” ta’ l-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjent m’ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u qatt m’ghamel negozju mieghu;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Bl-ispejjez kontra l-attur;

Innotat li l-kjamat in kawza Carmelo Cauchi baqa’ mhux notifikat izda hadd mill-partijiet involuti ma pproceda

skond il-ligi biex ihallas in-notifika tieghu izda ghazlu li jipprocedu ghat-trattazzjoni finali;

Semghet it-trattazzjoni finali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur jirrizulta li xtara vann tal-marka Morris bin-numru ta' registrazzjoni R-7385 li wara rrizulta li kien mhux biss misruq izda li kellu wkoll in-numru tax-"chassis" sfigurat;

2. Illi l-iskoperta ta' din il-manomissjoni sehhet meta l-vann gie mehud ghat-"test" ufficjali mill-pulizija u b'hekk bdiet is-saga odjerna;

3. Illi minn aktar investigazzjonijiet approfonditi jirrizulta li dan il-vann gie mixtri minn diversi persuni sa kemm fl-ahhar spicca ghand l-attur izda r-registrazzjoni ufficcjali tat-trasferimenti kif rikjest ma jirrizultax li saru stante li l-vann kien inkwinat;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jipprocedi bil-procedura odjerna stante li hassu urtat bil-fatt li kellu jkun hu li jehel l-ispejjez biex jirregolarizza l-posizzjoni ta' l-istess vann;

Illi pero' ghandhu mill-ewwel jigi ribadit li l-kuxjenza tieghu missitu biss wara li l-ingann gie misjub mill-pulizija u mhux qabel ma l-proprjeta' tal-vann kien regolarment trasferit lilhu skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi hu principju assodat li wiehed m'ghandux jibbenefika mill-hazen li hu jkun ipperpetra jew ibbenefika minnha bhal ma jirrizulta li sar f'dan il-kaz mill-attur stante li

jirrizulta li mar ghat-trasferiment tal-vann kif rikjest mill-ligi biss wara li l-ingann gie rivelat mill-pulizija;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji t-talbiet fil-mertu tal-konvenuti u tal-kjamat in kawza; tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez u tirrileva li mhix qed tippronunzja ruhha fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza stante li fic-cirkostanzi kif fuq deskritti din tkun ghal kollox superfluwa."

L-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ma ghamletx ezami akkurat tal-provi. Huwa jikkontendi illi minn vittma ta' ingann spicca biex jigi ritenut mill-Qorti li hu ghamel xi hazen u li konsegwentement ma kellux dritt jirrikjama lura l-flus li kien hareg ghax-xiri tal-vettura.

Minn ezami bir-reqqa tal-fatti f'dan il-kaz din il-Qorti tistqarr bla ebda ekwivoci illi ma tistax issegwi l-konsiderandi tal-Qorti nferjuri fis-sentenza appellata u ghalhekk, minn din l-ottika, ma tistax tavalla l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Naturalment din il-Qorti mhux qed tghid f'dan l-istadju illi b'hekk hi qed issostni t-talba tal-attur. Sempliciment qed tirravvisa illi fuq l-analisi taghha tal-provi din ma twassalhiex biex tikkondividi l-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti tar-rigett taghha tat-talba attrici.

L-ewwel Qorti iddeduciet illi l-attur ma ghandux jibbenefika mill-hazen li hu jkun ipperpetra jew ibbenefika minnu. Din id-deduzzjoni hi bbazata fuq il-konsiderazzjoni illi skond dik il-Qorti l-attur mar ghat-trasferiment tal-vann, kif rikjest mil-ligi, wara li l-ingann gie rivelat mill-Pulizija. Limitatament bhala espressjoni ta' principju, li kieku verament kien hekk il-kaz, kif mill-ewwel Qorti prospettat bhal korrispondenti ghall-veru, ma kienx ikun dubitat jew disputat illi, allura, l-attur "non puo essere esaudito perche` a nessuno e` dato di fare della propria turpetudine il fondamento di una pretesa giudiziaria" – "**Giuseppe Vella –vs- Paolina moglie dello stesso Giuseppe Vella**", Appell Civili, 20 ta' Gunju 1923 (**Vol XXV pI p600**).

Il-fatti tal-kaz prezenti huma ben diversi minn kif dehrilha li kellha tinkwadrahom l-ewwel Qorti. Effettivament l-istess konvenut (fol 115) jirrikonoxxi illi l-attur induna bid-differenza bejn in-numru tac-chassis u n-numru indikat fuq il-log book tal-van komprat qabel ma dan mar id-Depot tal-Pulizija.

Mill-attijiet tal-kawza jidher li l-fatti principali kif johorgu mill-provi jistghu jigu hekk rikapitulati. Jirrizulta li fl-1996 bl-intervent ta’ Mark Bonello (fol 32), l-attur xtara van ‘sekonda man’ bil-prezz ta’ tlett mitt lira (Lm300) minghand il-konvenut Carmelo Degiorgio, li kif depost minn dan a fol 114 dak iz-zmien kien dealer tal-karozzi. L-attur jiddeskrivi l-van bhala li kien fi stat imkaghbar u htieglu ghalhekk jaghmel xoghlijiet ta’ alterazzjoni fuqu. Fil-kors ta’ dawn ix-xoghlijiet huwa ntebah illi n-numru tac-chassis ma kienx jikkorrispondi ghal dak muri fil-log book. Avvicina lill-konvenut b’din il-problema u dan minn naha tieghu irrikorra minghand min kien xtraha, ossija l-kjamat in kawza Joseph Buhagiar. Dan tal-ahhar jistqarr (fol 109 u fol 115) illi hu kien akkwista l-van bi tpartit fit-8 ta’ Mejju 1996 (ara dokument a fol 113) minghand Charlie Cauchi, li ghalkemm intalbet il-kjamata in kawza tieghu, baqa’ ma giex hekk effettivament imdahhal fil-gudizzju. L-imsemmi kjamat in kawza Joseph Buhagiar jghid li wara jumejn mit-tpartit ma’ Cauchi hu partat l-istess van mal-konvenut, li kif depost minn dan tal-ahhar, bieghu lill-attur wara ftit granet, precizament fid-19 ta’ Gunju 1996 (ara dokument a fol 36). Sa fejn jirrizulta minn meta l-van gie registrat l-ewwel darba fit-12 ta’ Frar 1988 minn Peter Caruana, l-persuna li mportatu, nonostante l-molteplici operazzjonijiet ta’ tpartit jew bejgh, ma gie registrat l-ebda trasferiment tieghu.

Mill-provi l-ohra attendibbli jirrizulta illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, li dwarhom xehed in extenso l-Ispettur Carmelo Bartolo (fol 44, fol 58 u fol 122), l-konvenut, ippressat mill-attur biex jirrimedja ghad-diskrepanza riskontrata bejn in-numru tac-chassis u l-logbook, ghamel dikjarazzjoni inveritiera mal-Pulizija permezz ta’ Affidavit li sar fil-11 ta’ Ottubru 1996. Dwar dan, kif ammess mill-istess konvenut (fol 115), il-Pulizija

hadu proceduri penali kontrih minhabba rapport falz peress illi kien iddikjara fl-istess Affidavit, illi c-chassis kien biddlu hu.

Irrizulta wkoll mill-istess investigazzjonijiet illi l-Pulizija oltre li pprelevat il-vettura hadet proceduri kontra certu Jason Agius, li fil-pussess tieghu fi zmien antecedenti ghall-akkwist tieghu mill-kontendenti kien jinsab il-van. Dawn il-proceduri jidher li ttiehdu in konnessjoni ma indagini dwar serq u bdil ta' pjanci. Ara deposizzjoni tal-Ispettur Carmelo Bartolo a fol 122.

Premessi dawn il-fatti, l-kwestjoni taht ezami trid tigi rizoluta fl-isfond tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi li jitrattaw dwar pussessur ta' bona jew ta' mala fede. Senjatament ghalhekk l-Artikoli 531 u 532 tal-Kodici Civili.

Tajjeb li qabel xejn jigi puntwalizzat, anke ghaliex dan sa certu punt jghodd fir-rigward tal-kontendenti kollha billi kull wiehed minnhom kien ukoll kumpratur tal-van, illi, kif akkolt fid-decizjoni fl-ismijiet "**Ludgarda Mifsud et –vs- Aristide Caruana**", Qorti Kummerc, 21 ta' Frar 1921 (**Vol XXIV pIII p837**), "il compratore di cosa furata evitto del possesso della stessa non ha un regresso contro il venditore, ancorche questi sia in manifesta mala fede, se non riesce a provare che egli abbia fatto l'acquisto in buona fede". Dan s'intendi fis-sens li jipprova li hu ha dawk il-prekawzjonijiet ordinarji u elementari fil-mument tal-akkwist biex jassigura ruhu mill-provenjenza tal-oggett minnu mixtri.

In-nuqqas ta' diligenza f'dan il-kuntest, jekk ipprovata, kienet serjament tippregudika d-dritt tax-xerrej ghall-indennizz. Dan hu bil-wisq spjegat minn din is-silta:-

"Attesocche` dal premesso consegue che i convenuti non hanno preso la cura necessaria per appurare la provenienza di cose offerte loro in vendita sotto circostanze che avrebbero dovuto renderli sospetti circa l'origine delle cose oggi reclamate; e di loro negligenza essi debbono portare la conseguenza" – "**Carmela**

**Catania –vs- Francesco Azzopardi et**", Appell Civili, 6 ta' Mejju 1927 (**Vol XXVI pI p787**).

Riportat dan it-taghlim ghal kaz in diskussjoni ma jistghax ikun dubitat illi l-attur xtara sewwa. L-akkwist minnu tal-van sar minghand dealer fil-persuna tal-konvenut. F'din ic-cirkostanza allura n-negozju ma kellux ghalfejn jipprezentalu stampa ta' suspett jew illegalita`.

Eliminata din il-kwestjoni jokkorri li jigi ezaminat jekk il-konvenut, venditur tal-van, kienx in mala fede fil-mument propizju tal-bejgh. F'kuntest bhal dan jassumu wkoll rilevanza c-cirkostanzi li sehhew wara li gie konkjuz il-bejgh u dwar kif il-konvenut ikkomporta ruhu. Dan ghar-raguni illi dan jista' jitfa' dawl fuq il-fides tal-konvenut.

Issa skond l-Artikolu 532 tal-Kap 16 il-buona fede hi prezunta u min jallega l-mala fede ghandu jipprovaha. Prova din li trid tirrizulta minn cirkostanzi univoci (**Vol XLIII pI p146**). "La prova della mala fede si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche" ("**Borg –vs- Grech**", 30 ta' Jannar 1869 citata fis-sentenza a **Vol XXIX pII p153**). Jinkombi ghalhekk fuq l-attur l-oneru li jinnewtralizza u jwaqqa' l-principju generali tal-presunzjoni sancit fl-artikolu msemmi tal-ligi.

Tajjeb li jinghad illi l-prova li ried jaghmel l-attur ma kellhiex tkun ta' assoluta mala fede izda kien bastanti li jipprova l-assenza fil-konvenut-venditur tal-buona fede.

Dan billi jiddemostra illi l-konvenut ma kienx ignar mill-fatt tal-alterazzjonijiet li kienu saru fil-vettura.

Ma jidherx li hu kontestat il-fatt, anke ghaliex dan it-tip ta' negozju bejn dealers u terzi hu komuni u frekwenti hafna illi l-konvenut kien akkwista l-van bi tpartit minghand min verosimilment f'dak il-mument kien il-proprjetarju tal-van. Dan hu hekk ukoll dedott mill-fatt illi l-konvenut sejjah fil-kawza l-persuna li maghha kien innegozja l-akkwist tal-istess van.

Is-suspett oggettiv li jista' jinsorgi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz huwa jekk il-konvenut kienx jaf li l-van kienx misruq jew manomess. Tali suspett jitqanqal a prima vista mill-Affidavit rilaxxjat mill-konvenut innifsu lill-Pulizija fil-kuntest tal-ipprocessar tat-transfer u registrazzjoni tal-van. Stqarrija din li dwarha rrizulta, kif gja ntqal, li ma kienetx tikkorrispondi ghas-sewwa tant li di fronte ghall-konvenut ittiehdu passi kriminali fuq rapport falz. Fil-kumpless taghhom pero` l-istess cirkostanzi wrew illi la l-konvenut u lanqas l-imsejjah fil-kawza ma ghamel l-ebda xoghlijiet fuq il-van.

Spustat minn nofs dan is-suspett, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma rrizultatx dik il-prova univoka u ineluttabbli li kapaci ixxejjen il-presunzjoni tal-buona fede favur il-konvenut u l-kjamat in kawza. In-negozji li saru ma kienux tali li jqanqlu dubju illi l-provenjenza tal-van kienet wahda illecita, provenjenti minn serq jew li l-van kien imbaghbas. Lanqas, imbaghad ma gie pruvat li dan il-fatt, skopert aktar tard mill-investigazzjoni tal-Pulizija, kien hekk maghruf mill-konvenut u l-imsejjah fil-gudizzju, fil-mument li kkonkludew in-negozji rispettivi taghhom.

Intqal illi "l-ligi fl-artikolu 531 ma timponix l-obbligu tassattiv fuq ix-xerrej li dejjem u b'kull kaz jaccerta ruhu mill-identita` tal-bejjiegh. Kienet timponi dan l-obbligu biss meta c-cirkostanzi – "milli kien jidher" – kienu tali li jqanqlu suspett ragonevoli fil-kumpratur illi l-oggett li kien akkwista ma kienx qed jakkwistah minn sid il-haga jew minn persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi mill-haga". – "**Avv. Dr. Gavin Gulia noe –vs- Sergio Zampa pro et noe**", Appell, 31 ta' Mejju 2000.

'Ex abundantia` gie osservat ghalhekk illi wiehed mill-elementi biex tigi radikata l-bona fede jirrisjedi fil-prova illi l-akkwist sar minghand min apparentement seta' kien il-proprjetarju tal-oggett. Il-fatt biss, anke jekk hu konswet hafna u sew maghruf, f'kazijiet ta' trasferimenti konsekuttivi tal-istess vettura, illi dak li jkun ma jkunx ha hsieb it-transfer u accerta ruhu mal-awtorita` kompetenti dwar ir-registrazzjoni tal-vettura, ma jikkostitwix ghal din ir-raguni biss, prova ta' mala fede. Ara a propozitu

decizjoni fl-ismijiet "**Captain Robert Mizzi et noe -vs- Francesco Debono et noe**", Appell Civili, 14 ta' Ottubru 1966.

Ic-cirkostanzi kollha fuq rilevati jwasslu ghall-konkluzjoni illi l-attur ma rnexxielux iwassal l-assunt tieghu sal-prova dimostrattiva u konvincenti illi l-konvenut, gja pussessur tal-van, ma kienx ukoll in bona fede meta beghlu l-van. Tonqos ghalhekk il-prova kardinali li tiddistruggi l-presunzjoni tal-buona fide preskritta mil-ligi fl-Artikolu 532 tal-Kodici Civili.  Mhuwiex allura korrett dak pretiz mill-appellanti fir-rigward tad-dritt ta' rivalsa jew tad-danni kontra l-perpetratur tal-att kriminuz u llegali.

Ghal dawn il-motivi, anke jekk issa ghar-ragunijiet differenti minn dawk dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata.  Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------